MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 19/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Christian Calleja**

**Illum 14 ta' Frar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 174687 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-3 ta' April, 2010 u fil-granet ta' qabel din id-data, ezercita s-sengha jew in-negozju ta' fabrikant ta' l-armi minghajr ma kellu licenzja mahruga f'ismu mill-kummissarju tal-Pulizija bil-parir tal-bord u dan bi skur tal-Kap. 480, Sect. 16(1).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikolu 16(1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta,

sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu multa ta' elf, mija u erbgha u sittin Ewro (€1,164). Ordnat il-konfiska tal-arma esebita.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta' Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-esponent instab hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 16(1) tal-Kap. 480 b'applikazzjoni hazina tal-ligi u fin-nuqqas ta' prova tal-elementi rikjesti mill-ligi ghal dan ir-reat partikolari.

Illi l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 jikkontempla basikament is-segwenti reati differenti u distinti fosthom :
a) il-pussess ta' arma li mhijiex licenzjata, jew pussess minn persuna li mhijiex licenzjata;
b) il-bejgh jew trasferimenti ta' armi minghajr licenzja ta' "dealer";
c) il-gestjoni bla licenzja tas-sengha jew in-negozju ta' fabbikant tal-armi.

Illi l-esponent gie akkuzat esklussivament u nstab hati taht l-artikolu 16(1) avolja illi kull ma gie ppruvat okkazzjoni wahda fejn huwa iffabbrika dina l-arma, u wara, dina giet mislufa lill-haddiehor. Huwa sinifikanti illi l-Ispettur tal-Pulizija xehed illi wara s-sejba ta' dina l-arma ma saret ebda tfittxija fid-dar tal-esponent jew post iehor fejn l-allegat sengha jew negozju ta' fabbrikar tal-armi kien qieghed jigi allegatament esercitat. Illi l-aggravju tal-esponent huwa illi artikolu 16(1) gie ittrattat u interpretat fis-sustanza bhala reat ta' pussess aggravat mill-fatt illi l-pussessur ikun iffabbrika dik l-arma, jew bhala reat ta' "dealing" ikkontemplat band'ohra fil-Kap. 480.

Illi l-actus semplici u “per se” illi persuna tiffabbrika arma tan-nar mhuxreat kontemplat fil-Kap. 480. Huwa intiz fl-Att odjern illi malli persuna, minghajr ebda skop ulterjuri, tiffabbrika arma tan-nar awtomatikament se tigi f’posizjoni kontemplata fl-artikolu 5 tal-Kap. 480 billi, alli taghmel dan, issib ruhha fil-pussess ta’ arma li mhijiex licenzjata. U kieku gie akkuzat b’pussess ta’ arma minghajr licenzja l-esponent kien jammetti dan ir-reat jew kien ikun korrettament misjub hati ta’ dak ir-reat ta’ pussess skond il-provi li kien hemm.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha quddiemha biss il-prova, anki permezz ta’ stqarrija tal-esponent, illi l-esponent, bhala delizzju, iddecieda illi jaghmel arma tan-nar ghall-kacca u ghamel hekk klandestinament, izda gara illi, x-xhud Pierre Chetcuti, habib tal-esponent iffittah sabiex ihallih jitkacca bih u l-esponent ceda l-pussess temporanju tal-arma f’idejn dan ix-xhud. Ma kien hemm ebda ftehim jew appalt bejn l-akkuzat u x-xhud Chetcuti la qabel ma nbena l-arma u lanqas wara. Huwa sottomess umilment illi r-reat izjed gravi taht l-artikolu 16(1) jirrikjedi l-prova ta’ gestjoni – u fit-test Ingliz, kemm fid-definizzjoni ta’ “fabbrikant tal-armi” u kif ukoll fl-artikolu 16(1), hemm l-espressjoni “to carry on a trade or business of a gunsmith”.

Illi l-provi kienu soddisfacenti sabiex jigi ppruvat r-reat tal-pussess ta’ arma tan-nar u forsi l-akkuzat seta` gie akkuzat talli ddispona minn arma li huwa reat fih innifsu skond disposizzjoni ohra fil-Kap. 480 ghax silef l-arma lix-xhud Chetcuti minghajr ma kien licenzjat bhala “dealer” .

Illi fil-kamp kriminali, l-akkuzat iwiegeb ghall-akkuza kif tigi dedotta. Jekk l-atti minnu kommessi u ppruvati jammontaw ghal xi reat iehor li hemm kontemplat fl-istess ligi specjali, mhijiex permessa interpretazzjoni usa` sabiex jigi akkuzat u jehel ta’ reat iehor izjed gravi.

Illi l-artikolu 16(1) jikkontempla attivita` partikolari, u cioe` l-ezercizzju ta’ sengha jew in-negozju ta’ fabbrikant tal-armi (fit-test Ingliz – “a person shall not carry out the trade

or business of a gunsmith”). Il-legislatur dejjem inserixxa dan il-kliem f’ligijiet ohrajn specjali u generali sabiex jirregola l-esercizzju ta’ attivita` li ried li tkun licenzjata.

Illi l-involviment ta’ Pierre Chetcuti gie wara l-fatt tal-fabbrikar mill-esponent, meta dan iffittah bhala habib kacciatur illi jehodha u jippruvaha. Ma kien hemm ebda prova illi Chetcuti hallas jew xtara dina l-arma. Ma kien hemm ebda prova li l-esponent meta iffabbrika l-arma in kwistjoni ghamilha bhala parti jew b’intenzjoni spekulativa jew ma Chetcuti jew haddiehor.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant immanifattura arma tan-nar li tispara skartocc wiehed. Ghadda din l-arma lil Pierre Chetcuti illi huwa dilettant tal-hamiem u kacca. Chetcuti kien jaf lill-appellant u kienu johorgu ghall-kacca flimkien. Chetcuti xehed illi huwa xtara s-senter minghand l-appellant ghas-somma ta’ hamsin ewro (€50) izda ma lahaqx tah dawk il-flus ghad illi s-senter hadu fil-pussess tieghu. L-ghada hareg fil-Wied tal-Bidnija sabiex jippruvah u qabduh il-pulizija. Chetcuti ghadda proceduri kriminali dwar dan il-kaz liema proceduri kienu definittivament konkluzi.

L-ex Spettur Alexander Miruzzi xehed illi kellhom rapport ta’ attività tal-kacca illegali. Saret tfittxija u l-pulizija ltaqghu ma’ Pierre Chetcuti u eventwalment waslu ghand l-appellant. Fl-istqarrija tieghu dan tal-ahhar ikkonferma illi huwa mmanifattura l-arma u li kien se jbieghha lil Pierre Chetcuti ghas-somma ta’ hamsin ewro (€50). L-arma giet manifatturata ftit ftit, skont l-appellant, fuq medda ta’ gimghatejn u kienet l-unika wahda illi ghamel. L-appellant gie mressaq il-Qorti biex iwiegeb għal akkuza talli ezercita s-sengha u n-negozju ta’ fabbrikant tal-armi minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

L-ewwel Qorti b’sentenza tad-dsatax (19) ta’ Jannar elfejn u hdax (2011) sabitu hati ghal dan ir-reat. Izda l-appellant appella il ghaliex argumenta illi billi ghamel arma tan-nar wahda ma tpoggihx f’kategorija ta’ fabbrikant tal-armi.

Mhuwiex kontestat illi l-appellant immanifattura l-arma inkwistjoni fid-dar tal-genituri tieghu izda b'daqshekk ma jfissirx illi huwa ezercita s-sengha ta' "gunsmith".

L-appellant allega illi b'hekk saret applikazzjoni hazina tal-ligi. Dana il ghaliex huwa ma giex akkuzat b'pussess ta' arma izda manifattura ta' arma u l-ewwel Qorti ma kkunsidratx id-differenza legali bejn xi hadd illi jaghmel xi haga ta' darba u xi hadd iehor illi jaghmel ghal skop ta' negozju.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Il-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti definizzjoni wiesgha hafna tal-kelma "pussess" kif ukoll tal-kelma "fabbrikant." Però l-pussess ma tinkludix il-manifattura, li però qieghda inkluza fid-definizzjoni ta' "fabbrikant," li ukoll taghmel differenza bejn "fabbrikant tal-armi" u "kummercjant tal-armi." Kulma ssemmi l-ligi huwa biss is-sengha u n-negozju. U la l-appellant ghamel arma, kwindi ghandu s-sengha u ma hemmx ghalfejn il-prova li l-appellant qieghed fil-kummerc. Anke jekk ghamel arma wahda biss xorta qieghed fi ksur tal-ligi meta uza s-sengha tieghu sabiex immanifattura arma illegali.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi din tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------